

Brussell, 10 ta' Frar 2021
(OR. en)

6071/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0026(NLE)

ENV 71
ENT 27
ONU 15
CHIMIE 14

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Frar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 47 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar it-tressiq, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta li l-klorpirifos jiġi elenkat fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 47 final.

Mehmuż: COM(2021) 47 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.2.2021
COM(2021) 47 final

2021/0026 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar it-tressiq, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta li l-klorpirifos jiġi elenkat fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (il-Konvenzjoni) daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2004. Din ġiet approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (2006/507/KE¹) u daħlet fis-seħħ għall-Komunità Ewropea fl-14 ta' Frar 2005. Din il-Konvenzjoni għandha l-għan li tħares saħħet il-bniedem u l-ambjent minn pollutanti organiċi persistenti (persistent organic pollutants/POPs). Il-Konvenzjoni tipprovdi qafas, ibbażat fuq il-prinċipju tal-prekawzjoni, biex jiġu eliminati l-produzzjoni, l-użu, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' POPs, biex dawn jiġu ġestiti, mormija u eliminati b'mod sikur jew biex jonqos ir-rilaxx ta' ċerti tipi ta' POPs ġejjin minn produzzjoni mhux intenzjonata.

Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni l-impenji stabbiliti fil-Konvenzjoni u fil-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila rigward Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (il-Protokoll), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/259/KE³.

L-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni jistipula li kwalunkwe Parti tista' tressaq proposta lis-Segretarjat għall-inklużjoni ta' sustanza kimika fl-Annessi A, B u/jew C tal-Konvenzjoni, li mbagħad tiġi eżaminata mill-Kumitat għall-Analiżi tal-Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (Persistent Organic Pollutants Review Committee/POPRC) skont l-Artikolu 8(3) u (4). Il-proposta għandu jkun fiha l-informazzjoni speċifikata fl-Anness D. Abbażi tar-rakkomandazzjoni tal-POPRC, il-Konferenza tal-Partijiet tiddeċiedi jekk għandhiex tiġi elenkata sustanza fl-Anness A (eliminazzjoni), fl-Anness B (restrizzjoni) u/jew fl-Anness C (produzzjoni mhux intenzjonata). Il-proċedura għall-adozzjoni tal-emendi tal-Annessi hija rregolata mill-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni.

L-użu tal-klorpirifos fl-Unjoni Ewropea bħala sustanza attiva f'prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u f'prodotti bijoċidali huwa pprojbit skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ u skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, rispettivament. Barra minn hekk, il-klorpirifos mhuwiex irreġistrat għal xi użu ieħor f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2004/259/KE) tad-19 ta' Frar 2004 li għandha x'taqsam mal-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Li Jwassal Ħafna dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (ĠU L 81, 19.3.2004, p. 35).

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

u tal-Kunsill⁶ u, konsegwentement, mhuwiex permess li jiġi mmanifatturat jew imqiegħed fis-suq fl-Unjoni għal tali użu ieħor fi kwantitajiet ta' tunnellata waħda jew aktar fis-sena għal kull manifattur jew importatur.

Skont l-informazzjoni u d-*data* disponibbli dwar il-proprjetajiet intrinżiċi tal-klorpirifos, li kienu vvalutati bi tqabbil mal-kriterji tal-Anness D tal-Konvenzjoni, jista' jiġi konkluż li s-sustanza klorpirifos hija persistenti, bijoakkumulattiva u tossika (PBT). Barra minn hekk, il-klorpirifos huwa soġġett ukoll għat-trasport fl-ambjent fuq distanzi twal (LRT) u nstab f'żoni remoti bħall-Artiku. Minħabba l-informazzjoni dwar il-kwalitajiet PBT u LRT tal-klorpirifos, qed jiġi propost li l-klorpirifos jissodisfa l-kriterji tal-Anness D tal-Konvenzjoni u għaldaqstant irid jitqies bħala POP. Id-dettalji tal-valutazzjoni huma disponibbli fid-dossier xjentifiku li se jakkumpanja l-proposta li l-klorpirifos jiġi elenkat fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma.

Peress li l-klorpirifos kien ipprojbitt reċentement biss milli jintuża bħala sustanza attiva f'prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-Unjoni, ma jistax jiġi eskluż li l-klorpirifos għadu jiġi prodott għall-esportazzjoni. Barra minn hekk, jidher li l-klorpirifos għadu jiġi prodott, użat u emess f'pajjiżi oħra. Minħabba l-potenzjal ta' din is-sustanza kimika għat-trasport fl-ambjent fuq distanzi twal, il-miżuri li ttieħdu fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni mhumiex biżżejjed biex jitħares il-livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u ta' saħħet il-bniedem u għalhekk hija meħtieġa azzjoni internazzjonali fuq firxa aktar wiesgħa.

Fil-kuntest tal-laqgħa li jmiss tal-POPRC li għandha ssir f'Settembru tal-2021, jixraq li l-Kummissjoni tressaq proposta, f'isem l-Unjoni, lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma biex il-klorpirifos jiġi elenkat fl-Anness A. Dik il-proposta se tiġi eżaminata f'konformità mal-kriterji u l-proċeduri fil-qafas tal-Konvenzjoni qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar l-elenkar mill-Konferenza tal-Partijiet.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta tikkomplementa u hija koerenti mal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 2019/1021, li jimplementa l-Konvenzjoni ta' Stokkolma fl-Unjoni. Hija kompletament konformi mal-għan li s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent jiġu protetti minn pollutanti organiċi persistenti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija koerenti mal-approċċ ġenerali tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 fir-rigward tas-sustanzi PBT peress li t-tnejn jipprevedu kriterji li ma jippermettux, fil-prinċipju, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' sustanzi li huma PBT. Sabiex tkun żgurata l-koerenza, Dokument ta' Fehim Komuni⁷ jeżamina r-relazzjoni bejn il-Konvenzjoni ta' Stokkolma, ir-Regolament (UE) Nru 2019/1021 u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006, fir-rigward tar-restrizzjonijiet u r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni.

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

⁷ http://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/reach/special-cases_en

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE, li huwa l-bażi xierqa għal att li jiddefinixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea b'rabta ma' ftehim internazzjonali, f'dan il-każ il-Konvenzjoni ta' Stokkolma.

Il-bażi ġuridika sostantiva hi l-paragrafu 1 tal-Artikolu 192 tat-TFUE minħabba li l-miżuri miftiehma fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma primarjament isegwu objettiv ambjentali (jiġifieri l-eliminazzjoni ta' pollutanti organiċi persistenti).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-pollutanti organiċi persistenti huma ta' tħassib globali u l-Konvenzjoni ta' Stokkolma hija implimentata fl-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 2019/1021. Peress li l-Unjoni hija Parti għall-Konvenzjoni, jixraq li n-nomina ta' sustanza kimika ġdida ssir mill-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Il-pollutanti organiċi persistenti huma ta' tħassib globali u l-Konvenzjoni ta' Stokkolma għandha l-għan li telimina l-produzzjoni u l-użu ta' dawk is-sustanzi kimiċi. Għalhekk, huwa proporzjonat li dik is-sustanza kimika tiġi proposta lill-Konvenzjoni biex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni xierqa fil-livell globali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta ġiet diskussa mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħra fit-22 laqgħa tal-Awtoritajiet Kompetenti għar-Regolament (UE) Nru 2019/1021 kif ukoll waqt laqgħa tal-grupp ta' esperti dwar il-PBT tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-kummenti li waslu ġew indirizzati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt. In-nomina tas-sustanza kimika lill-Konvenzjoni mhu se jkollha l-ebda impatt minħabba li ma jidhirx li din qed tintuża fl-UE. F'każ li l-POPRC jikkonkludi li s-sustanza kimika hija pollutant organiku persistenti, se titwettaq valutazzjoni tal-impatt ta' miżuri ta' ġestjoni potenzjali mill-POPRC filwaqt li titqies l-informazzjoni soċjoekonomika.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq l-attività kummerċjali billi s-sustanza kimika mhijiex fl-użu kummerċjali fl-Unjoni, u għalhekk ma teżentax lill-mikrointrapriżi u ma tinkludix regoli speċjali għall-SMEs. Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-kompetittività settorjali tal-UE jew fuq il-kummerċ billi mhijiex negozjata bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rappurtar**

Pjan ta' implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rappurtar mhumiex meqjusa
meħtieġa.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tagħti l-mandat lill-Kummissjoni li tinnomina l-klorpirifos lill-Konvenzjoni ta'
Stokkolma f' isem l-Unjoni Ewropea.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar it-tressiq, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta li l-klorpirifos jiġi elenkat fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Ottubru 2004, il-Komunità Ewropea approvat il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (il-“Konvenzjoni”) permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE⁸.
- (2) Bħala Parti għall-Konvenzjoni, l-Unjoni tista' tressaq proposti biex jiġu emendati l-Annessi tal-Konvenzjoni. L-Anness A għall-Konvenzjoni jagħti lista ta' materjali organiċi persistenti li jniġġsu li għandhom jiġu eliminati.
- (3) Skont it-tagħrif xjentifiku u skont ir-rapporti ta' analiżi disponibbli, u fid-dawl tal-kriterji tal-iskrinjar stipulati fl-Anness D tal-Konvenzjoni, il-klorpirifos juri xi karatteristiċi ta' pollutant organiku persistenti.
- (4) Il-klorpirifos mhuwiex approvat bħala sustanza attiva skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ u għalhekk mhuwiex permess li jitqiegħed fis-suq jew li jintuża fl-Unjoni f'prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-klorpirifos mhuwiex approvat ukoll bħala sustanza attiva skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u għalhekk mhuwiex permess li jitqiegħed fis-suq jew li jintuża fl-Unjoni f'prodotti bijoċidali. Barra minn hekk, il-klorpirifos mhuwiex irregiŕtrat għal xi użu ieħor f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ u, konsegwentement, mhuwiex

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1).

⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-regiŕtrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restriżżjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li

permess li jiġi mmanifatturat jew imqiegħed fis-suq fl-Unjoni għal tali użu ieħor fi kwantitajiet ta' tunnellata waħda jew aktar fis-sena għal kull manifattur jew importatur.

- (5) Għalkemm il-klorpirifos ġie eliminat gradwalment fl-Unjoni, jidher li għadu jintuża bħala pestiċida u jinfirex fl-ambjent barra mill-Unjoni. Minħabba l-potenzjal tal-klorpirifos għat-trasport fl-ambjent fuq distanzi twal, il-miżuri li ttieħdu fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni mhumiex biżżejjed biex jitħares il-livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u ta' saħħet il-bniedem u għalhekk hija meħtieġa azzjoni internazzjonali fuq firxa aktar wiesgħa.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tressaq proposta lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni biex il-klorpirifos jiġi elenkat fl-Anness A tal-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Unjoni għandha tressaq proposta biex il-klorpirifos (CAS Nru: 2921-88-2, KE Nru 220-864-4) jiġi elenkat fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes ("il-Konvenzjoni").

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-proposta lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni f'isem l-Unjoni, bl-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Anness D tal-Konvenzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).